# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 57/K8/19**

Data tal-laqgħa: 21 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
Martin Sultana - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Edgar Montanaro – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

57.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti talab li jiġi skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**57.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

57.2.01 Wara xi korrezzjonijiet li saru fil-Minuti 56/K8/19, iċ-Ċermen ressaq Minuti 56/K8/19 għall-approvazzjoni.

57.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 56/K8/19.

57.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah l-approvazzjoni tal-Minuti 56/K8/19.

57.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

57.2.05 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab meta ser jibdew ix-xogħolijiet tal-bankina fi Triq Birkirkara quddiem Perry Court, huwa ġie nfurmat li dawn ix-xogħolijiet ser jibdew ix-xahar id-dieħel.

57.2.06 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar xi żvillup sar dwar Triq Dun Ġuzepp Xerri. Filwaqt li ċ-Ċermen reġa tenna li dawn ix-xogħolijiet ser isiru min-naħa ta' Infrastructure Malta huwa reġa kellem lill-kuntrattur sabiex jagħmel ftit pressjoni fuq l-Infrastructure Malta.

57.2.07 Tqajjem il-punt dwar St. Patrick's Day dwar il-massa kbira tan-nies li kien hemm. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil li d-deċiżjoni dwar is-sehem tal-Kunsill f'din l-attivita' tiġi diskussa mill-Kunsill li jmiss. Dan għaliex ma kellniex norbtu l-Kunsill il-ġdid li jmiss b'deċiżjoni ta' dan il-Kunsill. Il-Kunsillier Edgar Montanaro talab li jitniżżlu punti ta' affarijiet li għandhom jsiru ghal St. Patrick's li ghandhom jinghataw lill-Kunsill li jmiss. Il-Kunsillier Clayton Luke Mula talab li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Assistant Kummissarju Alexandra Mamo għal waqt l-attivita' ta' St. Patrick's.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

57.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ix-xogħolijiet fuq it-taraġ ta' ħdejn il-Klarissi beda llum.

57.3.02 Iċ-Ċermen spjega li l-Kunsill tas-Swieqi dwar European Citizien for Culture & Solidarity. Ser jintagħżlu 4 żgħażagħ kemm min-naħa tal-Kunsill Swieqi u kemm min-naħa tal-Kunsill San Ġiljan. Id-data ser tkun is-Sibt 13 ta' April 2019.

57.3.03 Saret diskussjoni preliminari dwar l-għoti ta' Ġieħ San Ġiljan. Kien hemm qbil li l-membri għandhom jipproponu xi personalitajiet li għandhom jingħataw dan il-ġieħ. Id-deċiżjoni dwar il-personalitajiet għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

57.3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Laqgħa Annwali ser issir nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019 fis-7.00p.m. Din ser tintbagħat ċirkulari lir-residenti kollha.

57.3.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet qed issir talba sabiex nagħmlu laqgħa mal-Infrastructure Malta dwar il-fondi ta' l-iżvillup biex isiru xi asfaltar ta' xi toroq. Dan għaliex fil-proposta mressqa mill-Planning Authority inatajna fondi għall-popolazzjoni biss u qatgħu mill-Bills of Quantity l-ammonti kollha konnessi ma' l-asfaltar.

57.3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġie mpjegata membru ieħor fl-istaff tal-Kunsill is-Sinjorina Marthese Grech u din kellha tibda l-impjieg tagħha fl-1 t' April 2019.

**57.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

57.4.01 Il-Kunsillier Adrain Domenic Ellul talab informazzjoni dwar claim li saret dwar incident li seħħ fi Triq Mikielanġ Borġ. Is-Segretarju infurmaħ li dan il-każ tressaq quddiem l-Avukat tal-Kunsill li bagħtlu risposta fejn ċaħad din il-claim.

57.4.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab li ssir oġġezzjoni dwar żvillup li ser issir ġewwa Triq Sant' Elija.

57.4.03 Il-Kunsillier John Agius semma' li hemm ħafna ħofor fi Triq Lapsi.

57.4.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fis-6.50p.m.

**57.5 Rapport Amministrattiv;**

57.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv 2018 għall-approvazzjoni.

57.5.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tar-Rapport Amminstrattiv 2018

57.5.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondaha fl-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2018.

57.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament,

**57.6 Business Plan 2019 – 2021**

57.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-Business Plan 2019 – 2021 għall-approvazzjoni.

57.6.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Business Plan 2019 – 2021.

57.6.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tal-Business Plan 2019 – 2021.

57.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.7 Proġett flimkien mal-Banda tal-Balluta;**

57.7.01 Wara li s-Soċjeta' Muzikali Madonna tal-Karmnu, Balluta wrew ix-xewqa li jinbena każin fis-sit fejn illum il-ġurnata hemm il-latrini pubbliċi li hemm ġewwa Pjazza Balluta. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel bħala prinċipju li l-Kunsill ikun lest iċedi din is-sit bil-kundizzjoni li fil-parti t'isfel jinbnew latrini pubbliċi ġodda. Fl-istess sit il-Kunsill ma eskludix ukoll li dan il-proġett isir flimkien bejn is-Soċjeta' u l-Kunsill.

**57.8 Talbiet zghar.**

**57.8.01 Email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Summer 2019 – Robotica and Coding Proposal and Agreement (Inc. 1113/19)**

57.8.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Summer 2019 – Robotica and Coding Proposal and Agreement. Ġie deċiż li din issir.

**57.8.02 Email mingħand it-Transport Malta dwar reserved parking fi Triq il-Karmnu (Inc. 1107/19)**

57.8.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand it-Transport Malta dwar reserved parking fi Triq il-Karmnu.

**57.8.03** **Email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar Hotel fi Triq Mikiel Anton Vassali c/w Triq il-Baltiku (Inc. 1060/19)**

57.8.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg dwar Hotel fi Triq Mikiel Anton Vassali c/w Triq il-Baltiku. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed joġġezzjona.

**57.7.04** **Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar abbozz ta' liġi msejjaħ Att biex jemenda l-Att dwar il-Kunsili Lokali Kap 363 (Inc. 1038/19**

57.7.04.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar abbozz ta' liġi msejjaħ Att biex jamenda l-Att dwar il-Kunsili Lokali Kap 363..

**57.7.05** **Email mingħand is-St. Julian's Band Club dwar Proposta Każin Banda San Giljan (Inc. 0984/19)**

57.7.05.01 Saret riferenza għal-email mingħand is-St. Julian's Band Club dwar Proposta Każin Banda San ĠIljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-ammont jitħallas diment li tintbagħat *invoice*.

**57.7.06** **Email mingħand is-Sur Gianna Cecconi dwar Bianco Malta – Baystreet Live Music (Inc. 0986/19)**

57.7.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Gianna Ceccioni dwar Bianco Malta – Baystreet Live Music. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ta' kuljum. F'kaz ta' okazzjoni l-Kunsill iku jista' jagħti permess.

**57.7.07** **Email mingħand is-Sur Crastolla dwar partner search for EU projects (Inc. 1020/19);**

57.7.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Crastolla dwar partner search for EU projects. Il-Kunsil mhux ser japplika.

**57.7.08** **Email mingħand is-Sinjura Bernardette Fenech Close dwar Neptune's Booklet.**

57.7.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Bernardette Fenech Closed dwar Neptune's Booklet. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jingħata l-ammont ta' €200.00.

**57.7.09** **Email mingħand is-Sur Adrian Azzopardi dwar Planning Application 01529 (Inc. 1006/19);**

57.4.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Adrian Azzopardi dwar Planning Application 01529. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ninfurmawh li din ġiet diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill u l-Kunsill ser ikun qed jagħmel oġġezzjoni.

**57.5.11** **Email mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar Lapsi 2019. (Inc. 0912/19);**

57.5.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar reklam fuq il-booklet li jinħareġ mill-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi. Kien hemm qbil li nieħdu full page għall-prezz ta' €250.

**57.5.12** Saret riferenza għall-email mingħand Pendergardens, filwaqt li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq il-proposta li hemm tar-re-alignment tat-triq, il-Kunsill innota li minkejja li kienu saru diskussjonijiet ma' Pender Place flimkien ma' uffiċjali mill-kumpanija faces dwar il-bus shelters fl-istess żona għal darb'oħra l-ftehim ma nżammx.

**57.5.13** Email mingħand is-Socjeta Muzikali tal-Karmnu dwar Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira, wara diskussjoni qasira l-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**57.5.14** Email dwar kiosk biex isir ġewwa id-Daħla tat-Tigulio. L-Kunsill qieghed joġġezzjona.

## 57.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

57.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

57.07.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

57.07.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah.

57.07.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 57.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

57.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4621 sa 4633. (Ara Appendiċi 'B')

57.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

## 57.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.9.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' April 2019.

57.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 15 ta' April 2019